MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-28 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 7/2008

Av. Dottor David Tonna bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera adidas International Marketing B.V.
vs
Dr. Beppe Fenech Adami u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici li b'digriet tal-4 ta' Frar 2008 gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta` STE Solaradel S.A.R.L. No. 83 Atarin Ancien Medina Fes Morocco

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors ta' l-Avukat Dottor David Tonna ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera adidas International Marketing B.V. li bih espona:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti adidas International Marketing B.V., ta' Koningin Wilhelminaplein 30, 1062 KR Amsterdam, ta' l-Olanda hija proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markju distintiv maghruf bhala "***three stripes***

***device***" liema markju huwa wzat fuq diversi prodotti bhal abbiljamenti tal-hwejjeg, zraben sportivi, diversi tipi ta' nuccalijiet, arloggi u prodotti ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokument "A";

2. Illi s-socjeta` rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta' propjeta` industrijali ta' l-istess markju "***three stripes device***" minhabba l-fatt illi s-socjeta` rikorrenti ghandha d-drittijiet tal-awtur fuq id-disinn jew xoghol artistiku "***three stripes device***" u dan kollu ai termini ta' l-Artikolu 2 ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta, liema markju "***three stripes device***" huwa wkoll irregistrat bhal ***Trademark*** Komunitarja mal-'***Office for Harmonization in the Internal Market***' ta' l-Unjoni Ewropeja (ibbazat f'Alicante, Spanja) taht Numru 005271572 (kif muri f'Dok. "A");

3. Illi jirrizulta li fit-8 ta' Novembru 2007 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur MV "CMA-CGM WAGNER", u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' nuccalijiet tax-xemx u arloggi li jgibu l-markju distintiv "***three stripes device***" fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti f'sebgha u ghoxrin elf u hames mitt (27,500) nuccali tax-xemx u f'elfejn (2,000) arlogg, b'Container Numru UNIU4031048 u li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-projibizzjoni ta' l-Artiklu 4 tal-Kap 414;

4. Illi mill-Polza ta' Kargu Numru SZ1378720 jirrizulta li l-konsenjatarji tan-nuccalijiet tax-xemx u arloggi in kwistjoni huma indikati bhala STE Solaradel S.A.R.L No. 83 Atarin Ancien Medina Fes Morocco, mentri jirrizulta li d-dettalji tax-***Shipper*** huma indikati bhala AG.Com.San Kam Yip;

5. Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal-cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' oggetti li jikkontravjenu dritt dwar il-propjeta` intellettwali huwa projibit skond l-Artiklu 4 ta' l-istess Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi dawn in-nuccalijiet tax-xemx u arloggi in kwistjoni jikkontravvjenu d-drittijiet ta' propjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti skond l-Artiklu 2(1)(b) tal-Kap 414, kif ukoll jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti skond l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 li tirrigwarda l-azzjonijiet li tiehu d-Dwana kontra prodotti li huma sospettati li jikkontravvjenu certi drittijiet ta' proprjeta` intellettwali u l-mizuri li jridu jittiehdu kontra prodotti li jinstabu li jikkontravvjenu l-imsemmija drittijiet, u dan kollu kif ben spjegat mill-analizi li ghamel rapprezentant tas-socjeta` estera adidas International Marketing B.V. (ara rapport tal-analizi immarkat bhala Dok. "B");

7. Illi din il-konsenja ta' nuccalijiet tax-xemx u arloggi bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-Kap 414 wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li gew provvduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista' jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni immarkata bhala Dok. "C");

8. Illi huwa principju ben stabbilit fit-Trattat tal-Komunita` Ewropeja u fil-kazistika tal-'***European Court of Justice***' li r-Regolamenti mahruga mill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea ghandhom effett dirett gewwa l-pajjizi Membri ta' l-Unjoni Ewropeja u ghaldaqstant il-provvedimenti legali tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 u tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta' Dicembru 1993 fuq it-***Trademark*** Komunitarja ghandhom jigu invokati direttament mill-Qrati Maltin fil-kwistjonijiet u l-kawzi li jkunu qed jigu trattati quddiemhom;

9. Illi l-Artikolu 9 ta' l-Avviz Legali Numru 233 ta' l-2003 intitolat "Regoli ta' l-2003 dwar it-***Trademark*** Komunitarja" jistipula li ghall-finijiet ta' l-Artikolu 91 ta' l-imsemmi Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94, il-Qrati Maltin li jistghu jittrattaw dwar ***Trademarks*** Komunitarji huma l-Prim'Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti tal-Appell;

10. Illi l-Avukat Dr. David Tonna nomine jiddikjara li l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li nghatatlu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-mandanti tieghu;

Għaldaqstant, ir-rikorrent nomine talab li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li n-nuccalijiet tax-xemx u arloggi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija (skond l-Artikolu 2(1)(b) tal-Kap 414 u/jew skond l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003);

2. Tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' nuccalijiet tax-xemx u arloggi, li tikkonsisti f'sebgha u ghoxrin elf u hames mitt (27,500) nuccali tax-xemx u f'elfejn (2,000) arlogg, da parti tas-socjeta` intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini, skond l-Artikolu 2(1)(b) tal-Kap 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni ta' l-Artikolu 4 ta' l-istess Kap 414, u dan fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta` rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "***three stripes device***";

3. Tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-msemmija konsenja ta' nuccalijiet tax-xemx u arloggi tikkostitwixxi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, u dan fil-konfront tar-registrazzjoniji tat-***Trademark*** Komunitarja Numru 005271572 irregistrat f'isem is-socjeta` rikorrenti (dan kollu skond il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill

(EC) Numru 40/94 tal-20 ta' Dicembru 1993 fuq it-***Trademark*** Komunitarja (ta' l-Unjoni Ewropeja)), u/jew fil-konfront tad-drittijiet ta' l-awtur illi s-socjeta` rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "***three stripes device***";

4. Tordna lill-Kontrullur tad-Dwana u/jew lis-socjeta` rikorrenti a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu n-nuccalijiet tax-xemx u arloggi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta` intimata, skond l-Artiklu 8 tal-Kap 414;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) - Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew skond it-termini tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti;

6. Tordna lis-socjeta` intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tan-nuccalijiet tax-xemx u arloggi in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap 414;

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta` intimata li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent ***nomine***.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati li biha esponew:

Illi huma ma kienux edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u rriservaw li jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri kemm-il darba huma jigu edotti mill-fatti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mill-Kuraturi Deputati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta' George Agius, impjegat mad-Dwana ta' Malta bhala Spettur fis-sezzjoni tal-infurzar, bi specjalizzazzjoni fid-Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), li fih issemma li l-kontejner bin-numru UNIU4031048 kien inhatt gewwa l-port hieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-vapur CMA-CGM WAGNER fit-8 ta' Novembru 2007 u kien gie maghzul ghal kontroll fiziku tal-kontenut tieghu. Skond il-polza ta' taghbija li ggib in-numru SZ1378720 tal-vjagg numru ME376W li giet ipprezentata mill-agent tal-vapur imsemmi, jigifieri CMA CGM (Malta), l-origini tal-kontejner kienet ic-Cina u kien destinat ghall-Marokk. Bhala kontenut kien iddikjarat li fih 724 kaxxa '***mobile phone accessories & watch***'. Il-kontejner gie mibghut minn AG.COM.SAN KAM YIP, filwaqt li l-konsenjatarji kienu indikati bhala STE SOLARADEL S.A.R.L NO.83 ATARIN ANCIEN MEDINA FES MOROCCO.

Fit-13 ta' Novembru 2007 fil-prezenza ta' ufficjali ohra tad-Dwana u tar-rapprezentant ta' l-agent tal-vapur u wara li s-sigilli gew konfermati bhala intatti, il-kontejner infetah u nstabu xi kaxxi, minn fost il-kaxxi tal-kontenut totali, li kien fihom nuccalijiet tax-xemx u arloggi ta' l-idejn li kienu jgorru fuqhom il-markju '***three stripes device***' tal-kumpanija estera adidas International Marketing B.V. liema nuccalijiet tax-xemx u arloggi ta' l-idejn dehru suspettuzi li kienu kontrafatti. Kien hemm ukoll kaxxi b'arloggi ta' l-idejn, nuccalijiet tax-xemx u accessorji tat-telefonija cellulari b'markji ohrajn. Kienet ittiehdet id-decizjoni li l-kontejner jinzamm ghal aktar investigazzjonijiet u wara li gew elevati xi kampjuni mill-kontejner, dan rega' inghalaq u gie sigillat mid-Dwana kif ukoll mir-rapprezentant ta' l-agent tal-vapur. Ir-rapprezentant ta' l-agent tal-vapur inghata ricevuta tal-kontejner mizmum.

Il-kampjuni gew mghoddija lil Dr. Antoine Camilleri ta' MAMO TCV ADVOCATES bhala rapprezentant legali f'Malta tal-kumpannija adidas International Marketing B.V. Minn ezamijiet li kienu saru fuq dawn il-kampjuni irrizulta li n-nuccalijiet tax-xemx u l-arloggi ta' l-idejn kienu kontrafatti. Il-kontenut kollu ta' gewwa l-kontejner kien gie mahtut gewwa wiehed mill-imhazen tad-Dwana fejn instab li fost il-kunsinna totali kien hemm 2,000 arlogg ta' l-idejn u 27,500 nuccali tax-xemx li kollha kienu jgorru fuqhom l-imsemmija markju '***three stripes device***'. Ikkonferma li l-imsemmija konsenja ta' arloggi ta' l-idejn u nuccalijiet tax-xemx ghadha mizmuma mid-Dwana fl-imhazen taghha.

Min-naha taghhom il-kuraturi deputati ma jistghux imieru lill-kumpanija rikorrenti ghaliex ma jafu xejn fuq il-fatti. Ma jirrizultax li rcevew xi kumment jew direttiva li tista' tghinnhom fid-difiza. Zgur li xejn minn dak li sostna r-rikorrent nomine ma gie kontradett.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Irrizulta li Dr. David Tonna huwa rapprezentant tas-socjeta` adidas International Marketing B.V. Irrizulta li fit-8 ta' Novembru 2007 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur CMA-CGM Wagner konsenja ta' nuccalijiet tax-xemx u arloggi li jgibu l-markju distintiv ***thrre stripes device*** fuq ***container*** UNIU4031048. Kienu ttiehdu xi kampjuni u nghataw lil Dr. Antoine Camilleri biex dawn jintbaghtu barra minn Malta biex jigu ezaminati sabiex jigi stabbilit kienux genwini jew foloz. Instab li dawn kienu foloz. Dawn il-fatti gew konfermati minn George Agius, Fizzjal tad-Dwana fis-Sezzjoni ta' l-Infurzar li semma li fit-13 ta' Novembru 2007 il-***container*** imsemmi gie miftuh biex jigi ezaminat. Ikkonferma li ttiehdu xi kampjuni biex jigu analizzati. Provi mill-intimati ma sarux. Fid-dokument esebit a fol 55 ***et seq*** tal-process hemm id-dikjarazzjoni ta' T. G. J. Behean, ***Associate General Counsel*** fl-***Intellectual Property Division*** ta' adidas International Marketing B.V., li fiha jinghad "As requested, after examining the samples, I can confirm that the products in question are definitely counterfeit and that they were not produced by, or with the authorisation of adidas, or any of

their affiliates or licensees for, among others, the following reasons …" u hemmhekk jinghataw ir-ragunijiet.

L-azzjoni rikorrenti hi bazata fuq dak li tipprovdi l-ligi fl-Att tal-1997 dwar id-Drittijiet ta' Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) [Kap 414].

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Il-fatti msemmija fir-rikors guramentat jirrizultaw pruvati.

Illi in vista tad-dikjarazzjoni maghmula minn T. G. J. Behean, u ta' l-Ufficjal tad-Dwana George Agius, il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi li n-nuccalijiet tax-xemx u arloggi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija (skond l-Artikolu 2(1)(b) tal-Kap 414 u/jew skond l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003).

Tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' nuccalijiet tax-xemx u arloggi, li tikkonsisti f'sebgha u ghoxrin elf u hames mitt (27,500) nuccali tax-xemx u f'elfejn (2,000) arlogg, da parti tas-socjeta` intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini, skond l-Artikolu 2(1)(b) tal-Kap 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni ta' l-Artikolu 4 ta' l-istess Kap 414, u dan fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta` rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "***three stripes device***".

Tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-msemmija konsenja ta' nuccalijiet tax-xemx u arloggi tikkostitwixxi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, u dan fil-konfront

tar-registrazzjoniji tat-***Trademark*** Komunitarja Numru 005271572 irregistrat f'isem is-socjeta` rikorrenti (dan kollu skond il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta' Dicembru 1993 fuq it-***Trademark*** Komunitarja (ta' l-Unjoni Ewropeja)), u/jew fil-konfront tad-drittijiet ta' l-awtur illi s-socjeta` rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "***three stripes device***".

Tordna lill-Kontrullur tad-Dwana u/jew lis-socjeta` rikorrenti a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu n-nuccalijiet tax-xemx u arloggi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta` intimata, skond l-Artiklu 8 tal-Kap 414.

Dwar il-hames talba fejn intalab lill-Qorti "Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) - Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew skond it-termini tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti", fil-fatt ir-rikorrent ***nomine*** ma ghamel ebda talba specifika ghal dan ir-rigward u l-Qorti ma thossx opportun li timponi ebda rimedju iehor.

Tordna lis-socjeta` intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tan-nuccalijiet tax-xemx u arloggi in kwistjoni, u ta' l-ispejjez ta' l-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap 414.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata b'dan li provizorjament id-drittijiet tal-kuraturi ghandhom jithallsu mir-rikorrent ***nomine***.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------